# PJAN TAL-LEZZJONI

## Titlu: Ta' madwarna

## Subtitle: 8.7 Inħennu għall-oħrajn

## Għanijiet:



Sal-aħħar ta' din il-lezzjoni, it-tfal ser:

1. jifhmu aħjar t-tifsira wara l-kelma 'tħenn'
2. jaraw atti ta' ħniena differenti u r-riżultat wara li wieħed jagħmel dan.
3. ikunu jafu kif jistgħu jħennu u jgħinu lil min hu fil-bżonn.

## Riżorsi għal-lezzjoni:

- Karti ta' taħriġ 8.7
- Il-Parabbola tas-Samaritan it-tajjeb
  https://www.youtube.com/results?search_query=the+good+samaritan
- Video - Inħennu għall-oħrajn
  https://www.youtube.com/watch?v=AQJOUpQMVvU
- Video 'We are the world'
  https://www.youtube.com/watch?v=jDsUqd1hYqA
- Lirika tad-diska 'We are the World'



## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu



- Ibda billi turi l-vidjow tas-samaritan it-tajjeb. Wieħed jista' jagħti aktar dettalji billi jbaxxi l-v[...] tal-vidjow u jirrakonta l-istorja waqt li qed jara[w] it-tfal.
- staqsi:

X'ġaralu dak ir-raġel tal-bidu?

Mill-ewwel ingħata l-għajnuna?

Min għenu? L-aħħar wieħed, is-samaritan.

- Spjega kif dan is-samaritan ħenn għal dak ir-raġel li kien ġie mweġġa' għax hu għen lil min kien fil-bżonn. Spjega li llum ser naraw aħjar kif nistgħu nħennu għal dawk fil-bżonn.

## Nisimgħu flimkien (actual lesson)



- Sjega lit-tfal li ser jaraw video.

https://www.youtube.com/watch?v=AQJOUpQMVvU

- staqsi, x'għamel ir-raġel ta' ġol-video.

- Niddiskutu l-modi differenti ta' att ta' ħniena li għamel ma' ta' madwaru li kienu nies li ma kienx jaf. Staqsi:

- Kif għen lil dawk il-foqra? Hemm modi differenti kif nistgħu ngħinu jekk forsi ma nistgħux nagħtu flus?

  Billi nagħtu ħwejjeġ, bottijiet tal-ikel, affarijiet tal-iskola bħal-kuluri eċċ għat-tfal li m'għandhom flus biex jixtru.

- Kif għen lil dik il-mara li kienet sejra għax-xogħol? Għalfejn ħenn għaliha?

Pawerpojnt

- dur għall-pawerpojnt fejn it-tfal ser jiġu preżentati b'sitwazzjonijiet differenti li jaf jiltaqgħu magħhom spiss.

Hawnhekk it-tfal ser ikunu jistgħu jiddiskutu l-aħjar soluzzonijiet fejn huma jaraw kif jistgħu jħennu għal ħaddieħor.

- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 8.7, aqra s-silta mogħtija u
- Spjega Attivita 1 billi tiddiskutu flimkien l-istampi u jniżżlu n-numru fejn l-istampa t-tajba.
- Iddiskuti Attivita 2 billi taqra l-istorja u tiddiskuti s-senetnzi li għandna.
- Iddiskuti Attivita 3 u asal għall-punt ta' kemm hu importanti li n1edu dak li jkollna għal min ikollu bżonnu aktar minna.
- Agħlaq billi ssemma' d-diska: We are the World.

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**




-

- Meta tħenn tassew tfisser li

a) inti tkun qed tgħin minn qalbek u allura

b) tbati biex tagħmel dan u

c) ma tistenna xejn lura.

## Nagħżlu flimkien (Attitude)

- It-tfal juru li fil-ħajja tagħhom iridu jħennu u jagħmlu kemm jsitgħu dak li Ġesù jrid minnhom.
- It-tfal ser jifhmu li meta tħenn u ma tistenna xejn lura tesperjenza l-ferħ veru.




## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Uri l-lirika tad-diska li t-tfal ser ikantaw, jiġifieri 'We are the World'. Aqrawha flimkien u spjega l-kliem tad-diska sabiex it-tfal ikunu jafu aktar x'qed jgħidu waqt li qed ikantaw u mhux sempliċiment jaqraw/ikantaw. Jiġi spjegat li d-diska hi dwar dawk fil-bżonn u li aħna rridu nkunu biex ngħinu u ma noqogħdux nistennew lil ħaddieħor imur jgħin.



## Nitolbu



Mulej ħanin, xi drabi aħna nagħtu kas iżjed tagħna nfusna milli tal-oħrajn. Aħna noqogħdu naħsbu fuq dak kollu li għandna nagħmlu u l-problemi tagħna. Għinna Mulej li niftakru f'dawk li għandhom bżonn l-imħabba u l-għajnuna tagħna; il-familja tagħna, il-ħbieb u n-nies li niltaqgħu magħhom kuljum. Għallimna naħsbu iżjed fl-oħrajn u nagħtu kas tal-problemi tagħhom, kif tagħmel int. F'isem Ġesù, Ammen.